Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 312 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**John Paul Grima**

Illum, 27 ta' Frar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Paul Grima, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 260490 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-4 ta' Marzu 2019 ghall-habta tad-9:30hrs fi Triq ix-Xatt, Bormla;

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Stephen Debono, lil Joseph Debono u lil Renald Debono;

3. U iktar talli fl-istess data, hin u lok hebb ghal Renald Debono u ghal Stephen Debono sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara b'xi mod;

4. U izjed talli fl-istess data, hin u lok, hebb ghal Joseph Debono u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. Joseph Agius Muscat Med Reg 2539 ta' Cospicua Health Centre.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Renald Debono, Stephen Debono u Joseph Debono skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 221 (1), 338 (dd), 339 (1) (d) u (e), iddikjarat lill-imputat **John Paul Grima** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal xahar (1) prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tnax (12)-il xahar.

Ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali il-Qorti wkoll obbligat lill-imputat sabiex izomm il-paci ma' Renald Debono, Stephen Debono u Joseph Debono ghal zmien sena (1) mill-lum taht penali ta' elf ewro (€1000) u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza.

Fl-ahharnett il-Qorti spjegat lil John Paul Grima fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tnax (12)-il xahar mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Paul Grima minnu pprezentat fl-20 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha jogħġobha:

1. Tħassar u rirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

2. F'kull każ u sussidjarjament, tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant ser ikun qiegħed jinterponi dan l-umli appell mill-apprezzament tal-provi u l-piena erogata fil-każ odjern illi għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

a) **Apprezzament tal-Provi**

Illi l-Ewwel Qorti semgħet iż-żewġ (2) kawzi, jiġifieri dik kontra l-appellant kif ukoll kontra l-aggressuri u ċioe kontra Renald Debono, Joseph Debono u Stephen Debono, konġuntivament u għaldaqstant nstemgħet ix-xhieda rispettiva tagħhom;

Illi jidher li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti u dan għaliex mix-xhieda mogħtija ħareġ ċar illi l-familjari Debono nasbu lill-imputat, illum appellant, tant illi tnejn (2) minnhom, u ċioe Joseph Debono u Stephen Debono, kienu qiegħdin jistennewh jasal filwaqt li aktar tard huma ċemplu lil Renald Debono sabiex jingħaqad magħhom. Dan joħroġ ċar mix-xhieda mogħtija minn Joseph Debono li tinsab a fol 74 tal-proċess fejn huwa jgħid is-segwenti:

"Xhud: Morna fejn l-għassa jien u Stephen bil-vann, l-ewwel qagħdna ġol-vann imbagħad rajna t-tifel ġej miegħu u nilna qaghħdna bilqiegħda.

...

Dr. Kris Busietta: Imbagħad x'għamilt inti?

Xhud: Imbagħad Stephen ċempel lil Renald biex jiġi għat-tifel."

Illi għalhekk kien hemm fiżikament tlett (3) persuni lesti għall-appellant fejn malli telaq lil ibnu kienu lesti sabiex iħebbu għalih. F'sitwazzjoni ta' dan it-tip ma kienx hemm raġuni għalfejn jinżlu tlett (3) persuni mal-omm u dan sabiex sempliċiment l-iben minuri jgħaddi għand ommu, speċjalment tenut kont tal-fatt illi dan kollhu kellhu jseħħ ġol-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla;

Illi l-Qorti fis-sentenza tagħha tgħid li Joseph Debono u Renald Debono "*ma rawx kif għamlu u ħarbu mis-sitwazzjoni li nħolqot, u dan meta kien ferm viċin l-għassa, anzi din il-Qorti jirriżultala li kien propju Joseph Debono li flok kompla sejjer bil-vann, niżel jikkonfronta lil John Paul Grima*";

Illi huwa ċar li l-familja Debono ma kellhom l-ebda nteress li jaħarbu mis-sitwazzjoni, tant illi jider ċar li niżlu bl-unika skop illi jagredixxu lil John Paul Grima minħabba disgwit illi nqala' bejn John Paul Grima u Raiza Debono l-ġurnata ta' qabel;

Illi l-Qorti anke naqset illi tieħu in kunsiderazzjoni fis-sentenza tagħha x-xhieda ta' Renald Debono fuq il-pedana tax-xhieda li anke ġol-Qorti stess wera t-temperament tiegħu, tant illi l-Qorti ħasset il-ħtieġa illi twiddbu. Ix-xhieda ta' Renald Debono inserita a fol 34 tal-proċess tgħid is-segwenti:

"*Dr. Lennox Vella: M'hawn xejn provi . . . Tkellem fuq . . .*

*Xhud: Inti titkellimx.*

*Dr. Lennox Vella: Ma nitkellimx jien ma nitkellimx?*

*Xhud: Ħa jitkellem l-avukat tiegħi.*

*Qorti: Sur Debono ieqaf.*

*Xhud: Ħa jitkellem l-avukat tiegħi.*

*Qorti: Sur Debono l-vukat qed jaghmħel xogħlu u tindirizzaħx hekk.*

. . .

*Qorti: Għax tispiċċa inti arrestat.”*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għalkemm innutat il-komportament tax-xhud Renald Debono, tant illi ħasset il-ħtiega li twiddbu, naqset milli tieħu in kunsiderazzjoni l-karattru aggressiv tiegħu meta marret biex tagħti l-ġudizzju tagħha;

Illi finalment l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu in kunsiderazzjoni illi l-appellant kien rinfaċċjat minn tlett (3) persuni u b'hekk erronjament għaddiet sabiex tagħti sentenza ugwali li tlieta (3) mill-erba' (4) persuni involuti u ċioe lill-appellant u lil Renald Debono u Joseph Debono;

b) **Piena Erogata**

Illi l-appellant, qiegħed jinterponi dan l-umli appell ukoll fuq il-piena erogata kontra tiegħu fejn l-appellant qiegħed jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ċioe' dik ta' xahar (1) priġunerija sospiża għall-sena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti tal-kawza u l-fedina penali aggornata tal-appellant esebita fl-atti.

Ikkunsidrat.

**WPS 41 E. Rizzo** xehed bil-procedura tal-affiavit[1]u spjegat illi fl-4 ta' Marzu, 2019 waqt li kienet qeda xoghol l-ghassa ta' Bormla giet infurmata minn PC 1283 F Calafato li ghal habta tad-9.30a.m l-appellant kien mar jirraporta l-ghassa sabiex jigi mitkellem in konnesjoni ma rapport li kien sehh fit-3 ta' Marzu, 2019 mill-ex tfajla tieghu Raiza Debono.

[1] Fol. 3

Dak il-hin tghid li l-appellant kien cempel lill-avukta tieghu Dr Lennox Vella u waqt li kien fuq it-telefon jitkellem PC 1283 F Calafato u PC 384 Genovese kienu qedin gewwa l-ghassa u semghu hafna ghajjat ta' persuni jiggieldu.

Kif il-pulizija semghu dan l-ghajjat hargu 'l barra u hemmhekk gie notat li l-argument kien beda bejn Joseph Debono u l-appellant fejn dawn it-tnejn hebbew ghal xulxin. Tghid li PC 1283 Calafato u OC 384 Genovese pprovaw izommu lill-persuni involuti fejn f'daqqa u l-hin hargu zewg persuni ohra li kienu Stephen Debono u Renald Debono.

PC 1283 Calafato infurmaha ukoll li f'hin minnhom John Paul Grima waqa' ma l-art u gie go tabella tal-pulizija li kienet tinsab fejn il-bieb ta' l-ghassa, fejn dan John Paul qadad it-tabella f'idejh fejn hekk kif Renald ra hekk huwa qabad martell li kien jinsab gewwa l-kaxxa tal-van ta' John Paul. Il-pulizija kkalmat is-sitwazzjoni u rat li l-oggetti i kellhom f'idejhom gew imnehhija minn idhom .

Fil-9.45a.m ge mitkellem Dr Vella fuq it telefon minn PC 1283 fejn dan stqarr li waqt li hu kien qed jigi mitkellem minn l-appellant dwar xi rapport ta' access kien sema lil xi hadd bil-lehen maskili jargumenta u jitkellem hazin mal-klijent tieghu Jon Paul Grima.

Dr Vella stqarr li hu kien sema lil din il-persuna tghidlu '*nigi u naharqek*' u sema lehen maskili iehor jghid '*inti 'l hemm fuq ma titlax*'. Hija tkelmet ukoll ma l-appellant u dan qalilha li waqt dan l-argument kien sema lil Joseph Debono jghidlu 'lest li jigi jaharqu' u zied ighid li waqt li hu kien qed jiggieled ma Renald dan Renald qabad martell ghalih. Hija flimkien ma PC 989 A Cesare skorta lill-appellant gewwa c-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid , fejn dan gie invistat minn Dr Mark Aquilina u l-appellant gie certifikat li qed sofri minn griehi ta' natura hafifa. Hija tkelmet ukoll ma Joseph Debono u dan qalilha li waqt li hu u huh Stephen Debono kienu qed jistennew lil Renald jigbor it-tifel minaghnd l-appellant u raw li kollox kien sew u li kienu ser jitilqu 'l hemm ra lill-appellant jghamlilhom sinjal ujghid '*inpattihjilkom*' u lil Stephen qallu 'ilni tlett xhur infitek'. Dak il-hin renald induna b'dan u rega dar lura u huma nzlu mill-van u qabdu

jaghtu. Zied jghid ukoll li f'hin minnhom l-appellant qabad lasta li tintuza bhala tabella tan *NO Parking* mill-pulizija li kienet fejn il-bieb ta' l-ghassa, fejn dan ipprova jitfahilu, izda dan gie mizmum mill-pulizija. Joseph zied jghid li waqt il-glieda huwa kien garrab xi griehi f'idu x-xellugija u fejn min naha teighu kien ser jipprezenta certifikat mediku gewwa l-ghassa ta' Bormla.

Renald Debono gie mitkellem gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' haz Zabbar u dan stqarr li nhar it-3 ta' Marzu, 2019 John Paul Grima ma kienx irritorna lit tifel ta' bintu kif kien obbligat li jghamel skond id-digriet tal-Qorti u huma fethu rikors. L-ghada fl-4 ta' Marzu 2019 l-appellant kellu jirritorna lura it-tifel fil-ghodu l-ghassa ta' Bormla . Qal li fl-4 ta' Marzu 2019 nizel ma bintu l-ghassa ejn min naha taghhom bdew jistennew messaggi minghadn Stephen Debono li jigi huh biexjinfurmhm li l-appellant kien wasal bit-tifelu appena Stephen baghtlu l-messag, bintu nizlet ghat0tifel bil-kwiet . Hekk kif kienu fil-karozza direzzjoni biex johorgu mix-Xatt ta' l-Isla lemah lil huh Joseph jieqaf bil-van hdejn l-ghassa fejn f'hin minnhom ra lil Joseph hiereg mill-vettura, fejn appena ra hekk rega dar lura biex jara x'kien gara.

Malli avvicinhom ra lill-appellant jargumetna ma hutu fejn f'daqqa wahda qabdu jiggieldu bl-idejn kollh akemm huma. Zied ukoll li f'hin minnhom l-appellant qabad lasta ta' tabella li tintuza mill-pulizija li kient qeda hdejn l-ghassa fejn huwa qabad martell li kien qieghed il-kaxxa tal-van ta' l-appellant, izda la hu u lanqas l-appellant ma uzaw xi oggetti bhala arma.

Renald stqarr li minnaha tieghu ma garrab l-ebda griehi. Gewwa l-ghassa gie mitkellem Stephen Debono u dan qal li fl-4 ta' Dicembru huwa u huwa u huh Joseph nizlu hdejn l-ghassa ta' Bormla jsitennew lil John Paul jasal bit-tifel tat-tifla ta' huh fejn min maha taghhom qadu jistennewh gol-van ta' Joseh jhejn il-Bridge il-qieghed biswit l-ghassa ta' Bormla . Kif raw lill-appellant jasal bit-tifel huwa baghat messag lil Renald fejn infurmah li kien wasal . Raw li kollox kien sew u kienu hergin mix-xatt ta' Bormla , l-appellant kien qieghed barra hdejn il-container li qed jintuza mill-pulizija u qalilhom

‘*inpattijilkom kollha*’ u Joseph hareg jigri mill-karozza. Zied jghid li peress li Renald kien kwazi gja telaq minn fuq il-post lemah il Joseph niezel mill-vettura dan rega dar lura u qabdu jiggieldu.

Waqt il-glieda l-appellant qabad lasta u cioe t-tabella li tintuza mill-pulizija fejn kien ser ihebb ghalihom biha izd ahuwa gie mizmum mill-pulizija.Nhar l-4 ta’ Marzu, 2019 Joseph Debono pprezenta certifikat mediku.

**PC 1283 F Calafato** xehed permezz ta’ affidavit u ikkonferma li ghall-habta tad-9.30 tal-4 ta’ Marzu, 2019 kien dahal l-appellant l-ghassa bit-tifel tieghu. Dak il-hin kienet fuq it telefon titkellem u l-appellant hareg barra izda wara ftit rega dahal gewwa l-ghassa u qallha li kien ghadu kif ta’ ibnu lil Raiza li kienet qeda barra . Dak il-hin hij aqaltlu li ridet tkelmu in konnessjoni ma rapport li ma kien irritorna lil ibnu lil Raisa skond kif ordnat fid-digriet tal-access. Dak il-hin cempel lil-avukat tieghu Dr Vella u waqt li kien qed jkelmu barra instema hafna ghajjat barra u meta harget flimkien ma PC 384 rat lil Jospeh Debono u lill-appellant jargumentaw bejniethom.Huma hargu bie xibieghduhom minn hdejn xulxin biex jigi evitat argument . Gara pero li dawn iz-ewg oersuni hebew ghal xulxin u waqt li kienu qed jiznammu marru zewg persuni ohra li kienu Stephen Debono u Renald Debono li jigu hut Joseph Debono . Spjegat li waqt li l-appellant kien qed jiggieled ma Renald Debono waqghu ma l-art u l-appellant waqa’ ghal fuq tabella tal-pulizija u qabadha f’idejh u beda igholliha u kif ra hekk Renald qabad martell f idejh li gabru minn gewwa kaxxa tal -van ta’ l-appellant. Il-pulizija firdet lill-persuni involuti u kkalmat is-sitwazzjoni u l-persuni nizlu l-oggetti minn idejhom. Il-familja Debono gew infurmati sabiex jitliqu minn fuq il-post sabeix ma jergax jiskala l-argument. Jghid li tkellem ma Dr Vella u dan qallu li waqt li kien fuq illinja ma l-appellant sena lil xi hadd b’lehen maskili jargumenta jghajjat u jitkellem hazin mal-klijent tieghu l-appellant odjern. Dr Vella kompla jghid li hu kien sema lil din il-persuna tghidlu ‘ *nigi naharqek*’ u persuna ohra b’lehen maskili ighidlu ‘*inti ‘l hemm uq ma titlax*’.

Huwa kellem lill-appellant rigward dak li kien gara u dan qallu li waqt li kien qed jitkellem mal-avuakt tieghu Joseph Debono nizel mill-vettura u hebb ghalih u semghu ighidlu li 'kien lest li jgi jaharqu' u waqt li kien fl-idejn mar misseir Raisa, Renald kien qabad martell beix ihebb ghalih.

**WPC 384 G Genevose** kkonferma dak kollu li stqarr PC 1283 Calafato salv li qal il ra lil Joseph Debono u l-appellant jiggieldu u intervjena biex ma ihallix l-incident jistkala. Qal ukoll li waqt li zammew lil dawn iz-zewg minn nies nizlu zewg persuni ohra li kienu Renald u Stephen Debono li jigu hut Joseph Debono fejn qabdu jiggieldu ma l-appellant. Waqt li l-appellant u Renald kienu fl-idejn dawn wqghu ma l-art u ra lill-appellant jaqbad tabella f'i'u jgholliha liema tabella kienet qieghda mal-bieb ta' l-ghassa u kif Renald ra hekk qabad martell f'diejh u gabru minn go kaxxa tal van tal-appellant. Il-puliizja ikkalmat is-sitwzzjoni u l-persuni involuti nizlu l-affarijiet li kellhom f'idhom.

Rat ic-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni seduta stante nhar il-25 ta' Settembru, 2019 li gie rilaxxjat fil-konfront ta' Joseph Debono minn Dr Joseph Agius fejn dan qal li kien hemm '*symptoms that are consistant with a tear/rupture of one of the proximal tendons of the biceps.'*

Renald Debono xehed nhar is-27 ta' Settembru, 2019 u kkonfemra li lStephen u Joseph Debono huma hutu waqt li Raisa tigi bintu. Ikkonferma li Raisa kellha tarbija mill-appellant u fil-qorti hemm kawza dwra it-tifel i ghandhom in komuni .

Ikkonferma i qabel l-4 ta' Mrzu 2019, l-appellant ma ridx jirritorna lit-tifel lil bintu Raisa ughahekkkient marret il-Qorti u pprezentat rikors fejn talbet direzzjoni mill-Qorti . In segwitu jghid li mar ma bintu u l-marixxal tal-Qorti Bahar ic-Caghaq imbaghad B'kara biex jigbru lit-tifel. Huwa pprezenta ir-raoport li hejja il-Marixxal dwar l-akkadut li jinsab a fol. 71.

Jghid li l-ghada l-4 ta' Marzu cemplu lil marixxal u dan qalilhom li l-appellant kien ser jiehu lit-tifel l-ghassa fit-8.30a.m. F'xi hin l-apellant cempel lil Raisa diretament u qalilha li kien fit-triq u hadu l-ghassa. Dak il-hin huwa u t-tifla kienu d-dar peress li kellu

jirritorna it-tifel id-dar. Imbaghad cempillu huhStephen u qallu li l-appellant kien wasal l-ghassa u qallu biex imur ghaliex ighixu vicin l-ghassa u wiegbu li kienu ser jinzlu. Ikkonferma li huh Stephen kien ma huhom l0ehor Joey hdejn l-ghassa .

Meta waslu l-ghassa sabu lil hutu Joey u Stephen fil-vann barra l-ghassa. Qal li l-appellant ukoll wasal bil-vann tieghu u ukoll kien hdejn l-ghassa. Dak il-hin it-tifla gabret it-tifel u dahlu fil-vann u telaq minn hdejn l-ghassa u mit-tieqa ra li hutu kienu qed jilletikaw ma l-appellant u ghalhekk u meta ra lill-appellant jghajjar lil hu irriversja , halla t-tifel boghod mill-ghassa u telaq jigri lejn l-ghassa minghajr it-tifel u minghajr bintu Raisa.

Imbaghad bdew jilletikaw u bdew jigieldu hu flimkien ma l-appellant. Wara l-appellant qabad tabella bil-konkos u kien ser jaqbad ghalih u huwa qabad martell minn gol vann u s-surgent qallu bie xinehhi l-martell minn idejh. Ibdih rema il-martell il-vann u ma gara xejn .Jghid li hu qabad il-martell ghaliex l-appellant kien ser igara t-tabella. Fl-bda hin ma garalu l-martell izda wadbu fil-barmil fil-vann. Spjega li dan l-incident sehh barra l-ghassa hdejn il-vann tieghu stess. . Ikkonferm ali kienu waqghu ma l-art u qabdu jghatu. Waqt li hutu bdew iferqu u mhux jiggieldu F'hin minnhom jaf li l–appellant ta' daqqa ta' ponn lil Joey . Dak il-hin qal li l-appellant ghajru u huwa ghajjar lill-appellant. Ikkonferma li kien hemm xi xewg oulizija u pulizija mar aukoll. Qallu ukoll xi kliem hazin u jghid li kien ilu jissapotih xi sitt xhur . jghid li kien haraqlu l-bieb u haraqlu l-karozza.

**Joseph Debono** xehed nhar il-25 ta' Settembru, 2019 u spjega li nhar l-4 ta' mArzu 2019 mar flimkien ma huh Stephen bil-vann hdejn l-ghassa u meta raw lill-appellant bit-tifel gej nizlu mill-vann. Qal li kien Stephen li saq il-vann u fil-fatt huwa vann tieghu. Dak ilhin qal li Stephen cempel lil Renald biexjigi jigbor it-tifel u huh Renald gie mat-tifla Raisa. Raisa qabdet it-tifel ghabbewh fil-karozza u telqu 'l hemm. Jghid pero li imbaghad Renald hares mill-mera u ra lll-appellant ighajru u kien jaf li l-appellant dejjem jghajru bil-familja. Jghid li kellu xi jghid mal-appellant bid-diskors . Ghalkemm

jghid li laqtu u habtu mal-kontejner . Qal li meta huh u Raisa gabru it-tifel u kien dahal fil0van ta' Stephen u kienu ser jitilqu 'l hemm pero l-appellant beda jghajjarhom u jghidilkom 'inpatti=hilkom'. Dak il-hin nizel mill-vann u qallu 'lili xi trid tpattili?'u dak il-hin qabad itih. Beda itih u fil-fatt kif indikat fic-certifikat mediku spicca b'muskolu imcarratmeta habtu mall-kontejner.

**Stephen Debono** xehed fl-istss jum tal-25 ta' Settembru, 2019 u qal li meta l-appellant ra li Raisa hdejn il-knisja dan prova itajjarha. Stqarr li l-appellant ilu imqabbad mieghu ghaliex darba kien wassal lilt-tifla ta' huh u cioe il Raisa bit0tifel s'ghandu u ma hax pjacir. Dakinhar kient cemplitlu ommu u qaltlu li huh kien ser imur hdejn l-ghassa ghaliex l-appellant kien ser inizzel it-tifel ta' bintu. Mar vil-vicin ta' l-ghasa fllimkien ma huh Renald u f'xi hin raw lill-appellant gej bit-tifel izda ma kelmuhx u baqghu fejn kienu barra l-vann ipjepu sigarett bil-kwiet. Appena l-appellant wasal cempel lil huh u qallu li l-appellant kien wasal. Sa dak il-hin ma kien gara xejn minkejja li kien rahom . Huh rikeb fil-van ma bintu u t-tifel u huwa u Joey ghamlu l-istess imxew lejn ilvan u meta waslu vicin tal-kontejner l-appellant qabad joffendi lil Joey. Beda jghid li kien ser ipattiha lil-fmilja kollha u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda.

Jghid li Joey nizel jitkellem mieghu u beda jargumenta meighu hdejn l-ghassa . Kif ra hekk renald dar lura u nizel mill-karozza u mar lura . Dak il-hin l-appellant dar u qal li kellu xijghid ma Renald u mhux mghhom . Ikkonfemr ali Renald u l-appellant bdew jghatu u hu nar iferraq flimkien mal-pulizija. Jghid li l-appellant imbotta lil Joey ghal fuq il-kontejner . Qal li spicc iferraq u li sahansitra anke kien hemm pulizija mara li spiccat ma l-art . Huh kelllu martell f idu u l-appellant kellu landa tal konkosu kien ser ighati biha . Fl-ebd ahin pero ma waddablu l-martell .

L-appellant **John Paul Grima** xehed minn jeddu u b'mod volontarju u kkonferma li nhar l-4 ta' Marzu 2019 kien sejjer l-ghassa ta' Bormla jiltaqa' mal-amrixxal kif miftiehem u mieghu kellu lill-ibnu . Qal il qabel ma dahal fl-ghasa kien cempel lill-avukat tieghu u huw ahu iehel fl-ghassa kien hemm Renald missier Raisa u hutu

Stephen u Joey Debono. Dawn bdew ituh fl-ghassa . Jghid li huwa mar bil-vann tax-xoghol u dak il-hin renald qabad martell mill-vann tieghu u kien ser itih bih . Qal il huw aqala daqqiet minghandhom waq tli kien l-ghassa u dan ma ippretendihx

Jghid li hu ma kienx miftiehem maghhom izda ma omm it-tifel . Qal li huwa spicca il-klinikata rahal Gdid . L-ewwel li tah kien Renald imbaghad Stephen u Joey . Joey beda jghidlu li lil ibnu kien ser jarah biss tramite l-Appogg u ma hax gost ghaliex it-tifel u lil ommu kien rabbihom hu. Bhala griehi jghid li spicca b'qasma go rasu, qasma f'ghajnejh, grif kullimkien dam xi tlett gimghat bil-kustilji jugghuh, kellu selha go daru selha ohra f'saqajh. Spjega li dak in-mhar kienu qed isiru xi tiswijiet fl-ghassa u kienu qed juzaw kontejner. L-incident sehh barra il-kontejner. Cahad li f'xi hin qal li kien ser ipattiha lil Stephen. Qal li ma kellux ghalfejn jghidlu hekk ghaliex m'ghandux x'jaqsam mat-tifel tieghu. Ikkonferma li barra l-ghassa kien hemm barriers tal-hadid pero ighid li mhux waqa' fihom izda tefghuh fihom u dak il-hin Renald mar fil-vann tieghu u qabad martell u garah lejh. Twaddab fid-direzzjoni tieghu pero ma laqtux. Qal li wara l-pulizija hallewhom jitilqu kollha. Dak il-hin kien ghadu bil-linja miftuha u ghalhekk l-avukat tieghu sema kollox.

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2020 .

Ikkunsidrat.

L-ewwel aggravju fir-rikors tal-appell tal-appellant jirrelata dwar l-apprezzament ta' provi li sar mill-ewwel Qorti fejn l-appellant jistqarr li kien wiehed zbaljat .

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-

Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2]" [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[7]"

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[6] ([1969] 1 QB 276

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt</u>**[8]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, jidher li hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehh l-incident u cioe jekk hux minnu li kien l-appellant li qabad u beda jiggieled mat-tlett kwerelanti jew jekk kienx l-appellant li gie mhedded, aggredit u imwegga mit-tlett kwerelanti. Li hu zgur huwa li kemm l-

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

appellant kif ukoll l-kwerelant Joseph Debono spiccaw feruti kif hemm indikat fic-certifikati medici esebiti fl-atti.

L-incident zgur li sehh nhar l-4 ta' Mrzu 2019 meta l-appellant mar l-ghassa ta' Bormla f'xi hin qabel l-10.00 a.m sabiex jirritorna lill-ibnu lil ommu Raisa Debono u hemmekk jistennewh sab kemm lil Raisa kif ukoll lil missierha Renald u zewg hutu Joey u Stephen. Jidher li mhemmx dubbju li l-incident beda meta l-appellant u Stephen bdew jilletikaw u dan ghaliex Stephen jghid li l-appellant qallu li kien ser '*ipattiha*' liema diskors l-appellant jichad li qalu. Jirizulta zgur li kemm l-appellant kif ukoll Stephen spiccaw ma l-art fuq il-barriers tal-hadid. Jirrizulta ukoll li in effetti filwaqt li l-familja ta' Debono kienu tlett irgiel l-appellant kien wahdu.

L-ewwel Qorti tghid li l-incident beda meta Stephen u u Joseph kienu ghaddejjin bil-van u l-appellant heddihom li kien ser ipaatttuha . Pero dwar dan din il-Qorti ghandha id-dubbji taghha u dan ghaliex l-istess kwerelanti jghidu li kienu ghadhom ma dahlux fil-van izda kienu mixjin hdejn il-kontejner lejn il-van. Li hu zgur, u hawnhekk taqbel ma l-ewwel Qorti li meta bdiet il-tilwima bejn Joey, Stephen u l-appellant min naha l-ohra Renald dar lura minflok ma baqa' sejjer u indahal fil-kwisjoni u spicca jaghti hu ukoll u ghalhekk zgur kif qalet l-ewwel Qorti Josep ma kienx qed jiddefendi lilu innifsu izda mar lura biex jaghti hu ukoll. Illi ma kienx hemm ghalfejn Stephen u Joey imorru proprju hdejn l-ghassa meta kienu jafu li diga kienu bit-tiketta mal-apellant molto piu meta tqis li l-appellant ha it-tifel l-ghassa u ghalhek zgur li Renald kien ser ikun protett meta imur biex jigbor it-tifel ta' bintu u dan mill-pulizija li kineu ser ikunu presenti. Hija l-presenza tal-ahwa Debono li aggravat is-sitwazzjoni u del resto l-kjass inqala' ftit wara li Renald nizel mill-vettura tieghu u mar hdejn hutu u l-appellant.

Il-fatt kif stqarret l-ewwel Qorti li l-appellant qabad tabella u beda jgholliha ma ifissirx li f'xi hin hebb ghall-ahwa Debono biha izda zgur li meta Renald Debono qabad il-martel mill-van ta' l-appellant l-intensjoni tieghu kienet wahda u cioe li jaggredixi lill-

appellant bih u kien proprju l-intervent tal-pulizija li waqqaf lil Renald milli iwadbu minkejja li l-appellant jghid li Renald waddab l-martell.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ewwel akkuza tirrizulta ben provata u dan ghaliex zgur li kien hemm ' *a breach of the public peace'* bl-ghajjat li kien hemm f'post pubbliku. It-tieni akkuza pero ma tirrizultax u dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax x' kienu il-kliem ta' ingurja jew insulti fil-konfront tat-tlett ahwa, l-iktar li jista jirrizulta hu li l-appellant qal l-ill-Stephen Debono kien li ser '*ipattihilu*' pero fl-ebda hin ma qal kif u din il-kelma fiha innifisha tammonta ghal theddid u ghalhekk din l-akkuza fil-konfront ta' Stephen Debono tirrizulta.

Dwar it tielet akkuza jirrizulta li fil-fatt fl-ebda hin ma l-appellant hebb ghal xi persuna ghaliex kif stqarret l-ewwel Qorti stess qabad lasta u gholliha fl-ebda hin ma qal li kien ser ihebb ghal xi kwerelant. Wiehed ma iridx jinsa li dak il-hin l-appellant kien spicca ma l-art fuq il-hadid u ghalhekk il-fatt li gholla l-lasta trid tittihed li kien qed jiddefendi lilu innifsu mill-aggressjoni tal-ahwa Debono. Appena il-pulzija qalulu biex inehhi l lasta minn idejh dan ghamel proprju hekk. Kien Stephen Debono li qabad martell biex jaghti bih u l-pulizija ukol talbuh inehhih minn idejh. Din l-akkuza ma tirrizultax lanqas.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe li huwa ingurja lil Joseph Debono din tirrisulta provata kif tajjeb osservat l-ewwel qorti u dan anke in vista tal-feriti li gew kagunati kif deskritti fic-certifikat medici.

Dwar it-tieni aggravju u cioe li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva din il-Qorti tghid is-segwenti u cioe li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[9]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[10]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[11] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[12]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l-appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Issa fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tal-erba' akkuzi u kkundannatu xahar prigunerija sospiza ghal sena taht l artikolu 28A tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Jidher pero li din il-Qorti sejra tvarja is-sentenza anke fir rigward ta' htija u dan ghaliex sejra tillibera lill-appellant mit-tielet akkuza u dwar it-tieni akkuza sejra issibu hati biss fil-konfront ta' Stephen Debono u mhux fil-konfront ta' Joey Debono u Renald Debono u ghalhekk ser ikun hemm temperament fil-piena imposta.

Din il-Qorti qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza, tar-raba akkuza u tat-tieni akkuza fir-rigward tal-kwerelant Stephen Debono biss u konsegwentement qeda timmodifika il-piena inflitta billi minflokk ma terroga piena ta' xahar

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-14 ta' Gunju, 1999

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-24 ta' April, 2003

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

prigunerija sospiza ghall-perijodu ta' sena qeda tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta' mitejn euro in vista tal-fatt li l-kwerelanti huma familjari ma ibnu u tiddikjara li mhux qed issibu hati tat -tielet akkuza u tat-tieni akkuza fil-kofront tal-kwerelanti Jospeh Debono u Renald Debono u tilliberah minnhom.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur